



Brussell, 14 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5306/26

AGRI 19  
AGRIORG 1

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura \ Kunsill
Suġġett:	Rapport dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mħejjija mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

**Skambju ta' Fehmiet Ministerjali dwar l-Evalwazzjoni u r-Rieżami li jmiss tad-Direttiva  
dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti**

Għad hemm żbilanċi sinifikanti fis-saħħa tan-negozjar fil-katina tal-provvista agroalimentari, li spiss jirriżultaw fi prattiki kummerċjali inġusti (UTPs). Prattiki bħal dawn jimminaw l-istabbiltà tal-introjtu, iżidu l-vulnerabbiltà ekonomika u jdgħajfu l-fiduċja fir-relazzjonijiet kummerċjali, għad-detriment tal-bdiewa u l-fornituri ż-żgħar. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-appoġġ għall-introjtu tal-azjendi agrikoli jibqgħu objettivi ewlenin tal-Politika Agrikola Komuni.

Biex tindirizza dawn l-isfidi, l-Unjoni Ewropea kkomplementat il-qafas eżistenti tas-suq (ir-Regolament dwar l-OKS) billi adottat id-Direttiva (UE) 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari fl-2019. Id-Direttiva stabbiliet livell minimu ta' armonizzazzjoni permezz ta' lista ta' prattiki pprojbiti, obbligi ta' infurzar għall-Istati Membri u salvagwardji, bl-għan li jiġi indirizzat il-"fattur ta' biża" esperjenzat mill-fornituri. Dawn l-isforzi ġew approfonditi reċentement permezz ta' aktar inizjattivi, inkluż il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-infurzar transfruntier kontra Prattiki Kummerċjali Inġusti kif ukoll proposti għal emendi mmirati għar-Regolament dwar l-OKS fl-2024, li t-tnejn li huma għandhom l-għan li jtejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa u l-protezzjoni fil-ktajjen tal-valur.

F'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-UTP, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni tad-Direttiva u ppubblikat ir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha fl-1 ta' Diċembru 2025<sup>1</sup> [id-Dokument COM (2025) 728 final]. L-evalwazzjoni saret fi stadju bikri ta' implimentazzjoni, minħabba dewmien fit-traspożizzjoni f'diversi Stati Membri u l-perjodu relattivament qasir ta' applikazzjoni prattika. Is-sejbiet tagħha kienu influwenzati wkoll minn varjazzjonijiet fl-għażliet ta' traspożizzjoni nazzjonali, disponibbiltà limitata ta' data komparabbli, u xokkijiet esterni bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

---

<sup>1</sup> ST 16217/25

Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, l-evalwazzjoni tikkonkludi li d-Direttiva dwar il-UTP ikkontribwiet għal tnaqqis f'ċerti prattiki kummerċjali inġusti - b'mod partikolari l-ħlasijiet tard - u għal infurzar imtejjeb fl-Unjoni. Ipprovdiet ukoll livell minimu ta' protezzjoni għall-bdiewa u għall-fornituri ż-żgħar fl-Istati Membri kollha, u b'hekk ikkontribwiet għal kundizzjonijiet aktar ekwi. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni tidentifika sfidi u oqsma importanti fejn tista' tkun meħtieġa aktar riflessjoni.

B'mod partikolari, l-evalwazzjoni tindika, fost affarijiet oħra:

- għarfien mhux uniformi fost il-bdiewa u l-fornituri tad-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva;
- rati baxxi ta' lmenti, l-aktar minħabba biża' mir-ritaljazżjoni u tħassib dwar il-kunfidenzjalità;
- differenzi sinifikanti fl-attività u l-prattiki ta' infurzar bejn l-Istati Membri;
- prattiki emerġenti jew li qed jevolvu li jistgħu jevitaw id-Direttiva u jittrasferixxu riskji jew kostijiet sproporzjonati fuq il-fornituri, inkluż prattiki marbuta ma' rekwiżiti relatati mas-sostenibbiltà jew mudelli ta' pagament bħal ħlas mal-iskennjar (pay-on-scan).

L-evalwazzjoni tfakkar ukoll fil-kuntest usa' tal-politika, inkluż it-tnedija tal-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari (AFCO) tal-UE, il-ħidma analitika fuq ir-remunerazzjoni ġusta għall-bdiewa, u l-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel, li tenfasizza li l-bdiewa ma għandhomx jiġu sfurzati jbigħu b'mod sistematiku bi prezz inqas mill-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom, filwaqt li jippreservaw l-orjentazzjoni tas-suq tal-PAK.

F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti fit-tieni nofs tal-2026, il-Presidenza Ċiprijotta tqis li huwa f'waqt li tistieden lill-Ministri għal skambju ta' fehmiet dwar orjentazzjonijiet ta' politika ewlenin li jistgħu jinfurmaw ir-reviżjoni li jmiss. Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni jew il-kontenut tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni, il-Presidenza Ċiprijotta tistieden lill-Ministri jaqsmu l-fehmiet tagħhom li jistgħu jiffaċilitaw l-użu effiċjenti tal-għodod disponibbli għall-ġlieda kontra l-UTPs.

## **Mistoqsijiet ta' Gwida għad-Dibattitu Ministerjali**

### **Mistoqsija 1 – It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa**

*Fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti, kif tista' r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-UTPs tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa u tal-fornituri ż-żgħar fil-katina tal-provvista agroalimentari, filwaqt li tappoġġa implimentazzjoni aktar konsistenti u effettiva tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha, u tirrispetta s-suq uniku u l-prinċipju tal-proporzjonalità?*

### **Mistoqsija 2 – L-ekwità tas-suq**

*Kif tqis ir-rwol tal-qafas tal-Prattiki Kummerċjali Inġusti fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jiġu ttrasferiti riskji jew kostijiet sproporzjonati fuq il-bdiewa, filwaqt li tiġi sssalvagwardjata n-natura orjentata lejn is-suq tal-Politika Agrikola Komuni?*

